A.L. 162 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR SELF LOKALI U SELF IEĦOR (ATT NRU. VI TA' L-1997)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għall-Ħruġ ta' Lm18,750,000 addizzjonali 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2002 (IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm18,750,000 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2002 (IV) mal-Lm5,000,000 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2002 (IV) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 145 ta' l-1997 ippubblikat fis-26 ta' Settembru, 1997, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2002 (IV) ikun ta' Lm23,750,000. Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 5 ta' l-istess Avviż Legali il-kontribuzzjoni fil-Fond ta' Ammortizzament tiżdied minn Lm50,000 għall-Lm237,500 kull sitt xhur. L-applikazzjonijiet kollha li waslu sad-data ta' l-għeluq 18 ta' Ottubru, 1997 b'hekk ser jiġu milqugħa.